# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru. 160/19 JG**
**Numru fuq il-Lista: 3**

**Anthony (ID 454245(M)) u Josephine (ID 673648(M)) konjuġi Mifsud**

**Vs**

**James Magri (ID 72879(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2019, permezz ta' liema l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jillikwida u jikkundanna lill-konvenut iħallashom ammont li ma jeċċedix il-ħamest elef Ewro (€5,000) rappreżentanti danni naxxenti minn xogħol ta' kostruzzjoni kif aħjar deskritt fl-Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż, inklużi dawk ta' mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenut, ippreżentata fis-26 ta' Settembru 2019[2] fejn laqa' għal din it-talba billi eċċepixxa li l-istess kienet waħda vaga, li jekk il-ħsara hija marbuta ma dak li seħħ fit-23 ta' Ottubru 2018 allura ma hemm xejn x'jitħallas peress li l-atturi diġa tħallsu mis-soċjetá assikuratriċi tal-konvenut, u li l-ammont huwa abbużiv u estorsiv u nfondat fil-fatt u fid-dritt. Ġie eżebit dokument mar-risposta[3].

Ra n-nota tal-atturi kontenenti l-affidavit tal-attriċi u dokumenti[4];

Ra n-nota tal-konvenuta kontenenti l-affidavit tiegħu u dokumenti[5];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[6].

Semá x-xhieda tal-attriċi mogħtija in kontro-eżami[7];

Ra dak dikjarat fl-istess seduta dwar l-awtentiċitá tad-dokument li ġie ppreżentat mar-risposta[8];

Semá x-xhieda tal-konvenut mogħtija in kontro-eżami[9];

Semá t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[10];

---

[2] A fol 7 tal-proċess.
[3] A fol 9 tal-proċess.
[4] Nota tinsab a fol 15 tal-proċess.
[5] Nota tinsab a fol 32 tal-proċess.
[6] A fol 40 tal-proċess.
[7] Seduta tat-3 ta' Diċembru 2020.
[8] *Ibid* nru. 7
[9] Seduta tat-18 ta' Frar 2021.
[10] Trattazzjoni tibda a fol 56 tal-proċess.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel xejn, tinħass il-ħtieġa li tiġi, anke jekk b'mod sommarju, rijepilogata x-xhieda prodotta f'dawn il-proċeduri.

Illi l-attriċi spjegat[11] li hija u żewġha huma propjetarji tal-fond 17, St. Anthony, Triq Censu Muscat Naxxar u li fuq it-terran tagħhom hemm il-propjetá tal-konvenut. Dan waqqa' s-saqaf fl-ewwel sular u għamel żvillup. Waqt dan l-iżvilupp huwa ma saqqafx is-sular ta' fuqhom. Dan spiċċa espost u daħal volum t'ilma. B'hekk soffrew ħsara. Ġie miftiehem li huma joħorġu mill-fond u huma aċċettaw pagamenti minn għand is-soċjetá assikuratriċi tal-konvenut. Tgħid li hija rċeviet il-pagamenti. Wara li tlesta x-xogħol, huma baqgħu isofru minn dħul t'ilma. Hija spjegat f'aktar dettal il-ħsara, fil-kamra tal-banju u tat rendikont tal-ispejjeż. Tgħid li għal dawn l-ispejjeż ma tħallsux, la mill-konvenut u lanqas mis-soċjetá assikuratriċi. Fl-aħħar tirriżerva d-drittijiet tagħha fuq il-ħsara li jista jkun hemm fix-xibka tas-saqaf. Ġew eżebiti numru ta' dokumenti li jinkludu rapport ta' perit, stimi u rċevuti, kif ukoll prova tal-pagamenti li saru.

Illi l-konvenut spjega[12] li huwa l-propjetarju tal-*maisonette* bl-indirizz Poeme, Triq Ċensu Muscat, Naxxar u li kien ottjena applikazzjoni għal żvilupp dwar l-istess fond. Ix-xogħol beda f'Awwissu 2018. Għalkemm sar is-saqaf, lejn it-23 ta' Ottubru 2018, minħabba xita qalila, saret ħsara fil-propjetá tal-atturi. Dan ma jinnegaħx tant li spjega li ttanta jagħmel xogħol rimedjali. Infatti *claim* mas-soċjetá assikuratriċi tiegħu u f'Diċembru 2018, l-istess soċjetá ħallset l-ammont

---

[11] Xhieda permezz ta' affidavit li jibda a fol 16 tal-proċess.
[12] Xhieda permezz ta' affidavit li jibda a fol 33 tal-proċess.

ta' għaxar t'elef, mitejn u tnejn u għoxrin Ewro (€10,222) *in full and final settlement* ta' kull ħsara u dannu tal-ingress t'ilma li seħħ fit-23 ta' Ottubru 2018 jew qabel. In oltre, l-atturi taw kwittanza wkoll għal dannu futur li jemerġi mill-istess inċident. Għalhekk ma jistax jifhem għala saret din il-kawża. In oltre jispjega li l-*membrane* sar, li r-rapport tal-perit tal-atturi qatt ma raħ qabel, li l-kamra tal-banju ma kellhiex tinbidel u li huwa ħallas aktar kera f'Marzu 2019, kif ukoll għamel xogħolijiet oħra. Jagħlaq billi jispjega li l-attriċi qiegħda titlob €5,667.00 meta għamlet kawża li tista twassal biss sas-somma ta' €5,000. Ġiet eżebita dokumentazzjoni li tinkludi wkoll ittra legali.

Illi l-attriċi xehdet ukoll in kontro-eżami[13]. Hawnhekk tikkonferma għal darba oħra l-pagamenti li rċeviet minn għand is-soċjetá assikuratriċi. Tikkonferma l-firem tagħha u tar-raġel. Hija tispjega peró li dawk il-flus ma kienux biżżejjed għaliex l-ilma baqá dieħel. Però imbagħad tgħid li l-ilma ma kienx relatat mat-23 ta' Ottubru 2018 iżda sar wara, u tgħid li anki din is-sena (2020) daħal l-ilma.

Illi l-konvenut ukoll ġie mressaq in kontro-eżami[14]. Sa fejn jaf hu sar *condition report* qabel ma beda x-xogħol. Jgħid lix-xogħol tal-*membrane* sar wara ġimgħat li twaqqa' s-saqaf. Ma jaqbilx li dam xhur. Jaqbel li qabbad lis-soċjetá assikuratriċi tiegħu u jaqbel li kien daħal l-ilma. Jgħid li anki hu ħallas u mhux s-soċjetá assikuratriċi biss. Jgħid lit-tieni sular inbena wara ftit xhur u mbagħad reġa' nbena ieħor. Jgħid li l-*membrane* ta' l-ewwel saqaf sar mal-ewwel. Xorta daħal l-ilma. Jgħid li huwa ħalla f'idejn l-assikurazzjoni tiegħu għalkemm kien mgħarraf ta' xiex qegħdin iħallsu. Ix-xogħol ma sarx mal-ewwel sabiex jinxef l-ilma. Ma jaqbilx li għadhom jilmentaw miegħu sal-lum. Jibqa jinsisti li sar il-ħlas mis-soċjetá assikuratriċi. Jgħid li l-atturi qabdu u kisru l-kamra tal-banju u

[13] Seduta tat-3 ta' Diċembru 2020.
[14] Seduta tat-18 ta' Frar 2021

mbagħad ġew isaqsuħ għal-flus. Dwar ilma fix-xaft tal-lift ma jaf xejn. Skond hu, m'huwiex qiegħed jidħol ilma hemmhekk.

Illi magħmul dan ir-riassunt, wieħed jista´ ġustament ikun ittentat jifhem li prinċipalment l-artikoli rilevanti għal każ in deżamina huwa dawk emerġenti mill-artikoli 1031[15] u 1032(1)[16] tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, għal-kompletezza jingħad hekk.

Illi in vena ġurisprudenzjali jingħad li kull minn jagħmel użu minn dritt tiegħu għandu jutilizza l-istess fil-limiti ġusti[17]. Propjetarju, jista' jagħmel liberalment modifiki fil-fond tiegħu, basta ma jaggravax jew jiddanneġġja l-propjetà tal-ġar[18]. Ukoll, sid ta' propjetà jwieġeb għal ħsara hekk ikkawżat fil-propjetà tal-viċin[19].

---

[15] L-artikolu jgħid hekk: *lżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

[16] L-artikolu jgħid hekk: *Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

[17] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs Victor Camilleri**, (App Ċiv Nru: 1918/1996/1, mogħtija finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Diċembru 2004, l-Ewwel Qorti, kienet ċċitat minn-sentenza preċedenti li qalet hekk: *"Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu".* Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Micallef noe vs Nazzarena Muscat et,** (Ċit Nru: 679/1994/1), deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003 fejn ġie ritenut li: *Kif rispekkjat fid-dicizjoni fl-ismijiet "Gio Maria Calleja -vs Gaetana Debono et", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' Jannar 1950 (Vol. XXXIV P II p 446), "huwa fatt li kwalunkwe persuna tista' tuza mid-dritt tal-proprjeta` taghha illimitatament; imma fl-istess hin limitatament ghad-drittijiet li ghandu haddiehor; u meta persuna tuża illimitatament mid-dritt ta' proprjeta` taghha, hija trid tiehu l-prekawzjoni li b'dak l-uzu ma tkunx titnissel kawza ta' dannu lil haddiehor; l-ghaliex il-principju 'nullo videtur dolo facere qui suo jure utitur' (Gaius, L. 55 De Regulis Juris), li jissanzjona li l-ezercizzju tad-dritt ta' persuna ma huwx suggett ghall-ebda restrizzjoni, isib il-limiti tieghu fil-fatt talbniedem jew id-disposizzjoni tal-ligi."; L-artikolu tal-ligi fuq riferit jahseb proprju ghal din issitwazzjoni tant li l-oggett u skop tieghu hu dak li jiġi mpedut lill-vicini li jikkagunaw dannu lil xulxin;*

[18] Hija ripetutament iċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Bugeja vs Washington**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Mejju 1897, fejn din kienet enunċjat is-segwenti: *"Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino".*

[19] Fis-sentenza fl-ismijiet **Captur vs Borg,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1993 intqal *"kull min, b'xoghol koness ma kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni".*

Dan l-obbligu, f'każ li hekk jinstab, jagħti possibbilment lok għal-proċeduri mis-sid kontra t-terz[20].

Illi għandu jkun indiskuss li l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq il-ħtija akwiljana da parti tal-konvenut. Għalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni bħal din irid jintwera l-ewwel u qabel kollox li ġġarbet ħsara u li din kienet tort (li jista jkun wieħed kemm attiv kif ukoll passiv[21]) tal-konvenut[22]. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-egħmil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies t'azzjoni ta' dan it-tip. Għalhekk, fuq dan l-aspett, wieħed ikollu jipprova li seħħet ħsara u n-ness ta' kawżalitá.

---

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour u Emanuela konjugi Brincat vs Salina Estates Limited u b'digriet tal-20 ta' Frar tas-sena 2001 Andrew Scicluna u Vica Limited kjamati in Kawza,** (App Ċiv Nru: 510/1999/1), mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar 2004 intqal hekk: *"Hu, del resto, pacifiku, u dan minn zmien sekolari, illi "non puo un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi compotrebbe tutto al piu` un diritto si rivalsa" – "Borg –vs- Falzon" a Vol III pagna 16".*

[21] Fl-opra tiegħu **Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile**, il-ġurist Francesco Ricci jgħid hekk: *La colpa ha un significato abbastanza esteso, e tale che non puó non comprendere la negliġenza e l'imprudenza eziandio; e difatti noi diciame che chi é negligente o imprudente é in colpa, dappoiché avrebbe dovuto usare maggiore diligenza, od essere un poco piú accorto ed avveduto.* Imbagħad fl-istess paragrafu jkompli jamplifika hekk: *Dunque la colpa, che genera resonsabilitá civile, non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ció che avredi dovuto fare.* – UTET, 1923, III edizzjoni, Vol VII, para 85 a fol 113.

[22] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et**, (Ċit Numru 886/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fejn intqal hekk: *"Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil iżda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*

Illi peró, f'dan il-proċediment, kif anki wara kollox intqal mill-konvenut fit-tieni eċċezzjoni tiegħu u liema argument kien ċentrali fit-trattazzjoni tal-għeluq[23], il-vera qofol ta' din il-kwistjoni hija propju d-dikjarazzjoni ffirmata mill-atturi mas-soċjetá assikuratriċi fejn dawn, taw kwittanza assoluta, b'mod mhux limitat kemm għad-danni li seħħew fit-23 ta' Ottubru 2018 (fejn viċin dak il-jum) u anki għal danni futuri ġejjin mill-istess inċident[24]. Jekk sejjer jingħata effett għal dak dikjarat f'dik l-iskrittura, allura r-riflessjonijiet magħmula hawn fuq, għalkemm il-bażi tal-azzjoni, ma jistgħux jiġu kkunsidrati ulterjorment.

Illi għal dan it-Tribunal, l-element dannuż li qiegħed jiġi adebitat lill-konvenut f'dan il-proċediment huwa naxxenti mill-istess fatt li wassal għal dak il-pagament, fejn l-atturi taw kwittanza nkundizjonata. Dan jemerġi ċar mix-xhieda tal-attriċi u kif ukoll mir-rapport tal-Perit Adrian Buttigieg[25]. Għalhekk dak lamentat huwa frott tal-istess fatt, din l-azzjoni hija kontinwazzjoni ta' dak li diġa rċevew l-atturi kumpens għalieh.

Illi ma hemmx dubju, u dan irriżulta ċar li dik id-dikjarazzjoni inħarġet propju fuq struzzjoni tal-konvenut u għalhekk tagħmel stat fil-konfront tiegħu wkoll. Huwa applikabbli wkoll għalhekk f'dan il-każ kemm l-artikolu 992(1) u l-artikolu 1729 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn ta' l-aħħar kienu suġġetti għal diversi opinjonijiet matul is-snin. Huwa minnu li maż-żmien, l-interpretazzjoni

---

[23] Ġustament, l-avukat difensur tal-konvenut għamel referenza għal dak li jridu l-artikolu 992 u l-artikolu 1792 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-avukat difensur tal-atturi wkoll ittratta fuq dan il-punt.

[24] Din id-dikjarazzjoni, li l-eżistenza u l-awtentiċitá tagħha ġie ammess tagħlaq hekk*: I/We, further declar that receipt of the aforementioned sum by us will discharge Mapfre Middlesea plc and/or Mr James Magri now and in the future, for all damage and loss resulting from the above incident.*

[25] Dan ta l-aħħar jgħid hekk: *For the past months, water* ***has still been seeping into my clients' property........It has been calculated that in addition to the €10,000 remedial work expense, my client requires an additional €4,000 to cover.....***

riġida u stretta inizjali[26] ġiet progressivament imbiddla għal waħda aktar liberali[27]. Madanakollu, għal dan it-Tribunal it-tieni eċċezzjoni hija ġusta u timmerita akkoljiment anke fid-dawl taż-żewġ interpretazzjonijiet.

Illi dik id-dikjarazzjoni, kif magħmula u liberalment aċċettata, twassal għal-falliment tal-istanza attriċi kif promossa għaliex propju kienet intiża sabiex jiġi evitat dan il-litiġju. Jekk l-atturi riedu jillimitaw l-effetti tagħha kellhom jaraw l-affarijiet tagħhom qabel ma iffirmaw. Għal dan jaħtu biss huma u allura jaqa fuqhom il-massima *imputet sibi.*

Illi fuq l-istess binarju, ssir referenza sentenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ryan Gellel vs Alfred Xerri et[28]**. It-Tribunal iqis li għandu jiċċita minn din is-sentenza *in extensio* u li dan għandu jsir fil-korp ta' din id-deċiżjoni (u mhux fin-notamenti kif solitament isir minn dan it-Tribunal) propju għaliex hemmhekk ġiet trattata u milqugħa eċċezzjoni simili fuq fatti li għandhom min-natura tagħhom similjanza ma dawk odjerni. Dik il-Qorti, lejn il-parti deċiżorja qalet hekk:

---

[26] Ċelebri fost oħrajn hija s-sentenza fl-ismijiet **William Apap vs Joseph Gasan et noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-26 ta' Novembru 1986. L-istess sentenza ġiet ukoll segwita fis-sentenza fl-ismijiet **St. George's Park Company Limited vs Eric Pace Bonello pro et noe**, (Avv Nru: 966/97 DM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2002. F'din tal-aħħar intqal hekk: "*Dan ghaliex in tema legali u fejn iccirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt ilkreditur unilateralment jinjora il-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu (hekk ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "W. Apap vs J. Gasan noe" talPrim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Novembru 1986). Dak li kien hemm imnizzel fl-ittri akkompanjanti kull hlas mill-appellat nomine u li saru tramite "cheques" ma jhalli l-ebda dubbju li l-intenzjoni tal-konvenut nomine kienet cara.*"

[27] Dwar dan, wieħed huwa mistieden jara l-istudju profond li sar mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza parzjali fl-ismijiet **Charmaine Muscat et vs Mario Cutajar et,** (428/2017 GM) mogħtija nhar is-17 ta' Ottubru 2019.

[28] (Rik Nru: 311/20 TA) mogħtija mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-20 ta' April 2021 (mhux appellata).

*Il-Qorti eżaminat il-kliem fid-"discharge form"u waslet għall-konklużjoni, li lanqas li kieku ma kienx hemm dawk il-frażijiet bil-latin, xorta kien ikun hemm biżżejjed indikazzjoni ta' x'kienu ser ikunu l-konsegwenzi bl-aċċettazzjoni tal-ħlas.* ***Il-ħlas kien qiegħed jsir "in full and final settlement of all my claims …… now or hereinafter manifest and arising out of the accident which occurred on 8th May 2018 …". Li kieku d-danni kollha ma kienux koperti b'mod, li jingħata x'jifhem li l-ħlas kien qiegħed isir speċifikament għad-danni attwalment subiti seta' jkun hemm konsegwenzi oħrajn għas-Soċjeta' konvenuta*** *(ara Sentenza fl-ismijiet Peter Attard - vs- Lawrence Fino tal-Prim Awla tat-28 ta' Marzu, 2008).*

*Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar dak li jiddisponi 992(1) tal-Kodiċi Ċivili u ċioe': Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom. F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li "L-applikazzjoni ta` din id-dispozizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistghu jirriżultaw minnha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta` ligi bejniethom (pacta sunt servanda) [ara l-Art.992 (1) tal-Kap 16], u l-ebda Qorti m`ghandha tindahal fi ftehim bhal dan jekk ma jkunx milqut b`xi difett li ggibu ma jiswiex." (ara Sentenza tal-Prim Awla tas-7 ta' Marzu, 2013 fl-ismijiet Michael`s Foundation for Education kontra -vs- Attard (Works) Limited). Issa din il-Qorti ma tista' issib ebda difett fid-dikjarazzjoni tat-30 ta' Novembru 2018 , li għażel jiffirma l-Attur, x'aktarx b'għaġġla, b'mod iġib din l-iskrittura ma tiswiex, inkwantu il-ħlas sar anke għas-saldu ta' danni oħra naxxenti mill-inċident inkwistjoni. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u konsegwenzjalment tiċħad it-talbiet attriċi.* **(enfasi tat-Tribunal).**

Illi dan l-insjenjament, minħabba dak hawn fuq miktub, għandu wkoll applikabbilitá għal-vertenza odjerna.

Illi finalment ukoll, jingħad lid-difensur tal-atturi, fit-trattazzjoni finali semma l-fatt li l-atturi huma lliterati u li kien hemm xi problema fix-xaft tal-lift. Bid-dovut rispett, u hawnhekk ma hemmx ħtieġa ta' dilungar żejjed, huwa ben magħruf li l-argumenti li jsiru fl-għeluq għandhom ikunu bbażati biss fuq dak li jemerġi mill-atti. M'għandhux ikun permess li ssir referenza għal-provi mhux mressqa jew argumenti ġodda. Wara kollox, l-attriċi kienet ċara fuq il-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni, u dwar ix-xaft kienet totalment silenzjuża. Fi kwalunkwe każ, jekk l-atturi dehrilhom li kien hemm xi mankanza f'dik id-dikjarazzjoni kellhom jiddeduċu dan f'xi forma t'azzjoni oħra. Jekk riedu jieħdu parir legali qabel l-iffirmar, kien fid-dmir tagħhom li jagħmlu dan. Ma jistgħux peró jippretendu li fuq sempliċi dikjarazzjoni magħmula f'trattazzjoni, mhux sorretta, dan it-Tribunal jieqaf milli jagħti effett għal dak li riedu u aċċettaw l-atturi stess.

Illi f'dan l-istadju it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jissofferma ruħu momentarjament sabiex jispjega, anke jekk b'mod konċiż, aspetti partikolari li jolqtu lil dan it-Tribunal speċjali.

Illi għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[29]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru*

[29] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

*tal-provi, sew sostantivi*[30]. Min-naħa l-oħra mbgħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[31].

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal[32] iżda hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li lanqas dan il-kejl ma jista jintuża sabiex jagħti affidament għat-teżi attriċi. Sabiex jasal sa hemm ikun irid jinjora kompletament l-effetti tad-dikjarazzjoni, ħaġa li ma jistax jagħmel. Ġialadarba qiegħed jiġi deċiż li l-atturi ma setgħux jippromwovu din l-azzjoni, ma hemm xejn x'jiġi likwidat.

Illi b'mod konkludorju u dan fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, dan it-Tribunal sejjer iqis l-istess bħala li din ġiet sorvolata bil-ġbir tal-provi u għalhekk qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, b'dana li dan it-

---

[30] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

[31] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assoċjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[32] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

Tribunal m'huwiex qiegħed iqis li l-istess kienet waħda nfondata fil-ħin li ġiet miktuba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jastjeni milli jikkunsidra l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jilqá l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut u konsegwentement jiċħad it-Talba tal-atturi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-atturi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur